

32003D0746

L 269/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

21.10.2003

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-14 ta' Ottubru 2003

dwar il-lista ta' programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ ta' ċerti TSE li jikkwalifikaw għall-ghajjnuna finanzjarja mill-Komunità fl-2004

(innotifikata bid-dokument numru K(2003) 3713)

(2003/746/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 fuq l-infiq fil-qasam veterinarju ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 ⁽²⁾, u b' mod partikolari l-Artikolu 24(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Istati Membri u ċerti Stati Membri li ser jingħaqdu ssottomettew programmi lill-Kummissjoni għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ ta' ċerti enċifalopatiji sponġiformi trasmessibbli (TSE) li jixtiequ li jirċievu għajjnuna finanzjarja għalihom mill-Komunità.
- (2) Taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ⁽³⁾, programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ ta' mard ta' l-annimali għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-Fond Agrikolu Europew għall-Gwida u Garanzija. Għal skopijiet ta' kontroll finanzjarju, għandhom japplikaw l-Artikoli 8 u 9 ta' dak ir-Regolament.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 ppreskriva regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċifalopatiji sponġiformi trasmessibbli ⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendati mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1234/2003 ⁽⁵⁾, jippreskrivi regoli għall-monitoraġġ tat-TSE fil-bovini, fin-nagħaġ u fil-mogħoż.
- (4) L-Artikolu 32 tat-Trattat ta'l-adeżjoni ta' l-2003 jippreskrivi li l-Istati Membri l-ġodda għandhom jirċievu l-istess trattament bħall-Istati Membri preżenti rigward l-ispiża taħt il-fondi veterinarji.
- (5) Madankollu, l-ebda rabta finanzjarja taħt il-budget 2004 għal xi program ikkonċernat ma tista' ssir qabel l-adesjoni ta' l-Istat Membru l-ġdid ikkonċernat. Barra minn dan, l-eradikazzjoni ta' ċertu mard fl-Istati Membri li ser jingħaqdu jista' jiġi co-ffinanzjat ukoll minn strumenti Komunitarji oħra.
- (6) Fit-tfassil tal-listi tal-programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tat-TSE li jikkwalifikaw għall-ghajjnuna finanzjarja mill-Komunità għas-sena 2004 u r-rata

proposta u l-ammont massimu tal-kontribuzzjoni għal kull programm, kemm l-interess ta' kull program għall-Komunità u l-volum ta' approprazzjonijiet disponibbli għandhom jiġu kkunsidrati.

- (7) L-Istati Membri u l-Istati Membri kkonċernati li ser jingħaqdu taw informazzjoni lill-Kummissjoni biex tgħinha tikkalkula l-interess għall-Komunità biex tipprovi għajjnuna finanzjarja għall-programmi għas-sena 2004.
- (8) Il-Kummissjoni kkonsidrat kull wieħed mill-programmi kemm mil-lat veterinarju kif ukoll mil-lat finanzjarju u hija sodisfatta illi daww il-programmi għandhom jiġu nklużi fil-listi ta' programmi li huma eleġibbli għall-ghajjnuna finanzjarja mill-Komunità għas-sena 2004. L-ghajjnuna għall-monitoraġġ tat-TSE tikkonċerna l-implimentazzjoni ta' testijiet mgħaġġla għall-eradikazzjoni ta' l-iscarpie, il-qirda ta' l-annimali li jinstabu pożittivi u l-ġenotip ta' l-annimali.
- (9) In vista ta' l-importanza ta' dawn il-miżuri għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika u ta' l-annimali, kif ukoll ta' l-introduzzjoni relattivament riċenti ta' dawn il-programmi ta' monitoraġġ imqabbla mal-programmi tradizzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard u l-applikazzjoni obbligatorja ta' dawn il-programmi fl-Istati Membri kollha, għandu jiġi żgurat livell għoli ta' għajjnuna finanzjarja mill-Komunità.
- (10) Għaldaqstant huwa xieraq li tiġi adottata lista ta' programmi li jikkwalifikaw għall-ghajjnuna finanzjarja mill-Komunità fis-sena 2004 u li tiġi ffixxata r-rata u l-ammont massimu ta' dawn l-ghajjnuniet.
- (11) Il-miżuri preskritti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentarja u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-programmi għall-monitoraġġ tat-TSE (il-BSE u l-iscarpie) elenkati fl-ANNEX I għandhom jikkwalifikaw għall-ghajjnuna finanzjarja mill-Komunità għas-sena 2004.

⁽¹⁾ ĠU L 224, tat-18.08.90, p. 19.

⁽²⁾ ĠU L 122, tas-16.05.03, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 160, tas-26.06.99, p. 103.

⁽⁴⁾ ĠU L 147, tal-31.05.01, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 173, tal-11.07.03, p. 6.

2. Għal kull programm imsemmi fil-paragrafu 1, ir-rata proposta u l-ammont massimu ta' għajjnuna finanzjarja mogħtija mill-Komunità għandhom jiġu stabbiliti fl-ANNESS I.

Artikolu 2

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni tat-TSE (*scarpie*) elenkati fl-ANNESS II għandhom jikkwalifikaw għall-għajjnuna finanzjarja mill-Komunità għas-sena 2004.

2. Għal kull programm kif imsemmi fil-paragrafu 1, ir-rata proposta u l-ammont massimu ta' l-għajjnuna finanzjarja mill-Komunità għandhom ikunu kif stabbiliti fl-Anness II.

Artikolu 3

Dan id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-14 ta' Ottubru 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni

L-ANNEX I

Lista ta' programmi għall-monitoraġġ tat-TSE

Rata u ammont massimu ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità

(f'EUR)

Mard	L-Istati Membri jew l-Istati li se jaderixxu bħala Membri	Rata tax-xiri tal-kittijiet tal-prova	Ammont massimu
TSEs	il-Belġju,	100 %	3 351 000
	id-Danimarka	100 %	2 351 000
	il-Ġermanja,	100 %	15 611 000
	il-Greċja,	100 %	745 000
	Spanja,	100 %	4 854 000
	Franza,	100 %	21 733 000
	l-Irlanda,	100 %	5 386 000
	l-Italja,	100 %	6 283 000
	il-Lussemburgu	100 %	158 000
	l-Olanda	100 %	4 028 000
	l-Awstrija	100 %	1 675 000
	il-Portugall	100 %	1 012 000
	il-Finlandja	100 %	1 060 000
	l-Isvezja	100 %	358 000
	ir-Renju Unit	100 %	7 726 000
	Ċipru	100 %	144 000
	l-Estonja	100 %	103 000
Malta	100 %	37 000	
is-Slovenja	100 %	353 000	
Total			76 968 000

L-ANNESS II

Lista ta' programmi għall-eradikazzjoni ta' l-iscarpie

L-ammont massimu ta' l-ghajjnuna finanzjarja mill-Komunità

(f'EUR)

żoonożi	Stat Membru jew Stat Membru li qed jaderixxi	Rata	Ammont massimu
l-Iscrapie	id-Danimarka	50 % qatla 100 % ġenotipar	5 000
	il-Ġermanja	50 % qatla 100 % ġenotipar	755 000
	il-Ġreċja	50 % qatla 100 % ġenotipar	450 000
	Spanja	50 % qatla 100 % ġenotipar	435 000
	Franza	50 % qatla 100 % ġenotipar	1 160
	l-Irlanda	50 % qatla 100 % ġenotipar	490 000
	l-Italja	50 % qatla 100 % ġenotipar	3 210 000
	l-Olanda	50 % qatla 100 % ġenotipar	675 000
	l-Awstrija	50 % qatla 100 % ġenotipar	30 000
	il-Portugall	50 % qatla 100 % ġenotipar	255 000
	il-Finlandja	50 % qatla 100 % ġenotipar	5 000
	l-Isvezja	50 % qatla 100 % ġenotipar	5 000
	ir-Renju Unit	50 % qatla 100 % ġenotipar	7 460 000
	Ċipru	50 % qatla 100 % ġenotipar	740 000
	Total		